

April 2018 — Ħarġa 309

# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Ejjew nagħmlu l-għażla t' Alla...

In-Nisrani huwa dak li ħa deċiżjoni f'ħajtu biex jimxi wara l-Mulej taħt il-ħarsien tal-Kelma t'Alla. Aħna ngħixuha fi ħdan il-komunità li waqqaf Kristu Rxoxt, jiġifieri l-Knisja li permezz tal-Kelma t'Alla turina l-ħsieb t' Alla għalina l-bnedmin u nagħmlu l-għażliet ta' Alla biex aħna ma nitfixklux.

**Persuni li nafu ngħidu GRAZZI**

Il-Parroċċa tagħna b'qalb ta' gratitudni tgħid Grazzi lil Alla għax permezz tas-Sagrament tal-Ordni Sagri din is-sena ser iberikna b'żewġ żgħażagħ li qed iwieġbu 'IVA' għas-sejħa li qed jagħmlilhom il-Missier. Hija barka għalina li Fra Kurt se jersaq lejn l-artal sabiex Monsinjur Arċisqof jordnah saċerdot skont il-Qalb ta' Ġesù. Alla jkompli jagħtina l-kuraġġ tiegħu quddiem l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis li bħalissa qed jaqdi l-missjoni tiegħu fil-Parroċċa tagħna. Grazzi lill-Missier Alla għax qed ikompli jieħu ħsieb il-familja parrokkjali tagħna għall-ġejjieni.

**Persuni li jkollna ħin għal Alla biex NITOLBU**

Darba Ġesù kien qiegħed xi mkien jitlob. Meta spiċċa mit-talb wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Mulej, għallimna nitolbu". Matul din is-sena, it-talb huwa l-viżjoni li bħala parroċċa qed nitħarrġu fiha. Għalhekk nhar il-Ħadd 15 ta' April 2018 fl-4:00pm nistedinkom sabiex niltaqgħu għat-tieni laqgħa dwar it-talb fis-Sala Sant'Anna. Bis-saħħa tat-talb, il-komunità parrokkjali tagħna tista' tkompli tkun bastun ta' fidi, tama u mħabba għal kulħadd.

**Qalb li jkollha ħin għall-oħrajn**

It-talb irid iwassalna sabiex mhux biss noħolqu spazju f'qalbna għal Alla imma wkoll qalb miftuħa għal xulxin. Hija x-xewqa ta' Alla li jarana fil-paċi u kapaċi naħdmu flimkien. Ma ninsewx li Ġesù jgħallimna li jekk irridu tassew nimxu warajh, aħna mistiedna nkunu qaddejja eżemplari ta' xulxin. Ejjew ngħixu żmien il-Għid b'qalb ta' gratitudni lejn Alla u lejn xulxin sabiex flimkien inkomplu nagħmlu l-għażla t'Alla quddiem l-esperjenzi kollha tagħna.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan

**Nhar il-Ħadd 15 ta' April 2018 fl-4:00pm**
**It-2 laqgħa dwar it-talb fis-Sala Sant'Anna**
Ejjew niskopru kif Kristu Rxoxt joħloq fina l-ħeġġa tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba.

**Kulħadd mistieden.**



# Żewġ Ordinazzjonijiet!





**Fra Kurt Mizzi O.Carm**

Meta jekk Alla jrid, nhar is-7 t'April, flimkien ma' sħabi ser inkun qiegħed mimdud f'riġlejn l-artal tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt, xi wħud minnkom ser tkunu fi ħsiebi dak il-ħin. Ser tkunu miegħi għax bosta minnkom għaġnu fija dak li Alla ried isawwar minni. Intom għamiltu dak li jien: kull wieħed minnkom. L-eżempju tagħkom, il-kelma tagħkom, it-talb tagħkom, l-interess tagħkom. Ser tkunu fija wkoll għax b'qalb mimlija gratitudni ser inkun qiegħed ninterċedi għalikom ilkoll quddiem Alla tal-ġid kollu li għamiltu miegħi. Għalhekk nixtieq nistedinkom sabiex **nhar is-Sibt 7 t'April li ġej tingħaqdu magħna għall-Ordinazzjoni Presbiterali, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt, fid-9:15am.**



**Matthew Pulis, Seminarista**

Għeżież, kif forsi tafu qed toqrob id-data meta flimkien ma' tliet sħabi oħra ser inkunu qegħdin nirċievu s-sagrament tal-Ordinazzjoni Djakonali. Kif ktibtilkom fil-Flimkien ta' Jannar, id-djaknu huwa l-ministru tal-Kelma u simbolu ta' Kristu l-Qaddej. Għalhekk nitlobkom tkomplu żżommuna fit-talb tagħkom biex inkomplu nħallu l-Mulej jagħmilna aktar dejjem nixbħuH u b'hekk inkunu nistgħu naqdukom mill-aħjar li nistgħu. Nieħu din l-okkażżjoni wkoll biex nistedinkom tingħaqdu magħna **nhar il-Ħadd 22 ta' April fid-9:00am ġewwa l-Katidral tal-Imdina** għall-Quddiesa tal-Ordinazzjoni.

Il-Komunità Parrokkjali ta' Wied il-Għajn titlob, tifraħ u tawgura lil **Fra Kurt Mizzi O.Carm** mill-Parroċċa tagħna li **nhar is-Sibt 7 ta' April 2018** ser jiġi ordnat Saċerdot u lil **Matthew Pulis** li **nhar il-Ħadd 22 ta' April 2018** ser jiġi ordnat Djaknu.






# Tberik tal-Familji fid-djar

## Żmien l-Għid 2018

It-Tnejn 2 ta' April 2018 ikompli t-tberik tal-familji. Hija okkażjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| Aragon Court | It-Tnejn 16 ta' April |
| Pjazza Dun Tarċis | L-Erbgħa 4 ta' April |
| Sqaq San Ġwakkin | L-Erbgħa 4 ta' April |
| Sqaq Sant'Anna | L-Erbgħa 4 ta' April |
| Triq Agata Barbara | It-Tnejn 23 ta' April |
| Triq Apap Bologna | Il-Ħamis 5 ta' April |
| Triq Dawret-Torri | It-Tlieta 17 ta' April |
| Triq de Rohan | It-Tlieta 17 ta' April |
| Triq Dolmen | Il-Ġimgħa 27 ta' April |
| Triq Frans Grech | It-Tlieta 3 ta' April |
| Triq Ġużeppi Lanzon | It-Tnejn 9 ta' April |
| Triq iċ-Ċervjola | It-Tnejn 2 ta' April |
| Triq iċ-Ċrieki | Il-Ħamis 5 ta' April |
| Triq il-Baħħara | L-Erbgħa 11 ta' April |
| Triq il-Baħrija | It-Tnejn 2 ta' April |
| Triq il-Bużbież | It-Tlieta 3 ta' April |
| Triq il-Gandoffli | It-Tlieta 1 ta' Mejju |
| Triq il-Granmastri | It-Tnejn 23 ta' April |
| Triq il-Grigal | It-Tnejn 16 ta' April |
| Triq il-Ħut | L-Erbgħa 9 ta' Mejju |
| Triq il-Kannizzata | Il-Ġimgħa 20 ta' April |
| Triq il-Kappara | It-Tnejn 9 ta' April |
| Triq il-Katakombi | It-Tlieta 17 ta' April |
| Triq il-Kavallieri ta' Malta | L-Erbgħa 25 ta' April |
| Triq il-Kavetti | L-Erbgħa 9 ta' Mejju |
| Triq il-Knisja | Il-Ġimgħa 6 ta' April |
| Triq il-Magħluq | Il-Ħamis 5 ta' April |
| Triq il-Majjistral | Il-Ġimgħa 27 ta' April |
| Triq il-Maqsab | Il-Ġimgħa 20 ta' April |
| Triq il-Melħ | It-Tnejn 16 ta' April |
| Triq il-Menħir | It-Tlieta 10 ta' April |
| Triq il-Miġbħa | Il-Ġimgħa 20 ta' April |
| Triq il-Qawwara | It-Tnejn 30 ta' April |
| Triq is-Sajjieda | It-Tlieta 1 ta' Mejju |
| Triq is-Salini | It-Tnejn 9 ta' April |
| Triq is-Sallur | It-Tnejn 23 ta' April |
| Triq is-Siberja | It-Tnejn 16 ta' April |
| Triq is-Sikka | L-Erbgħa 18 ta' April |
| Triq is-Silla | It-Tlieta 24 ta' April |
| Triq is-Sliem | It-Tnejn 30 ta' April |
| Triq it-Tiben | It-Tnejn 7 ta' Mejju |
| Triq ix-Xatt | L-Erbgħa 4 ta' April |
| Triq ix-Xehda | It-Tnejn 16 ta' April |
| Triq ix-Xmiel | Il-Ġimgħa 27 ta' April |
| Triq ix-Xnejn l-Abjad | It-Tlieta 10 ta' April |
| Triq La Sengle | It-Tlieta 3 ta' April |
| Triq l-Arzell | It-Tnejn 7 ta' Mejju |
| Triq Likama | L-Erbgħa 18 ta' April |
| Triq l-Irmiġġ | It-Tlieta 1 ta' Mejju |
| Triq Miklem Malti | L-Erbgħa 2 ta' Mejju |
| Triq Mintba | L-Erbgħa 2 ta' Mejju |
| Triq Nigel Dennis | L-Erbgħa 11 ta' April |
| Triq Paul Briffa | It-Tnejn 23 ta' April |
| Triq Philippe de Vendome | L-Erbgħa 18 ta' April |
| Triq Ridott | L-Erbgħa 18 ta' April |
| Triq San Franġisk | Il-Ġimgħa 20 ta' April |
| Triq San Ġwakkin | Il-Ġimgħa 6 ta' April |
| Triq Sant'Anna | L-Erbgħa 4 ta' April |
| Triq Santa Tereża | Il-Ġimgħa 6 ta' April |
| Triq Thomas Ashby | L-Erbgħa 18 ta' April |
| Triq Vajrita | L-Erbgħa 11 ta' April |
| Triq Wignacourt | It-Tlieta 17 ta' April |

It-tberik huwa mifrux tul sentejn minħabba l-kobor tal-lokalità. Toroq oħra li ma jinsabux f'din il-lista ġew imbierka diġà iktar kmieni din is-sena jew inkella jmisshom jitbierku s-sena d-dieħla. Min jixtieq ibierek id-dar għaliex ilu ħafna ma jinzertana jista jinfurmana fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - April 2018

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Il-Ħadd** | **L-Għid il-Kbir.**<br>Fil-quddiesa tad-9:15am jitqassmu l-figolli lit-tfal u jsir it-tberik tagħhom. |
| 6 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Fis-7.30pm ser ikollna siegħa adorazzjoni fil-Parroċċa tagħna bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm minn Wied il-Għajn u tmien żgħażagħ oħra. Inħeġġukom sabiex tattendu. |
| 7 | Is-Sibt | **Jum l-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fra Kurt Mizzi O.Carm u sħabu.** Fid-9:15am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu mad-disa' żgħażagħ li ser jiġu ordnati saċerdoti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-7:45am. |
| **8** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina.** Fil-Knisja Parrokkjali ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u wara l-quddiesa fis-6:00pm. |
| 9 | It-Tnejn | Fis-6:30pm jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali. |
| 11 | L-Erbgħa | Fil-5:00pm grupp ta' Seminaristi jiltaqgħu mal-abbatini fil-Knisja Parrokkjali.<br>Fis-7:00pm jiltaqgħu mal-adolexxenti tat-Teenage Active Group fil-Villa Apap Bologna. |
| 12 | Il-Ħamis | Fis-6:30pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Dun Ronnie Zammit Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bis-sehem tas-Seminaristi. Fit-8:00pm jiltaqa' l-Grupp *Nicodemus Encounter* li huma ż-żgħażagħ minn 18-il sena 'l fuq għal-laqgħa mas-saċerdoti tal-parroċċa tagħna. |
| 13 | Il-Ġimgħa | Fis-7:00pm *Seminar* fis-Sala Sant'Anna għall-GĦARAJJES bi tħejjija għaż-Żwieġ għal dawk li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2018. |
| **15** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tal-Għid.**<br>Fl-4:00pm laqgħa għal KULĦADD fis-Sala Sant'Anna dwar it-Talb. |
| 19 | Il-Ħamis | Fid-9:30am Coffee Morning fis-Sala Sant'Anna. |
| 21 | Is-Sibt | Fis-7:15pm adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu u wara quddiesa fit-8:00pm.<br>Inħeġġukom sabiex tattendu. |
| **22** | **Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd tal-Għid.**<br>**Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis.**<br>Fid-9:00am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu ma' erba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati djakni fil-Katidral tal-Imdina. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-7:30am.<br>Fit-3:00pm *Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 23 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm |
| **29** | **Il-Ħadd** | **Il-5 Ħadd tal-Għid.** |
| **1** | **It-Tlieta** | **Il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.**<br>Fil-Quddiesa tas-6:30pm isir it-tberik tal-għodda.<br>**Fit-8:30am sas-2pm Irtir għal KULĦADD fid-Dar Ħanina Samaritan, Santa Venera bit-tema 'Qalb titkellem ma' qalb.'** L-irtir jinkludi quddiesa u l-ikel ta' nofsinhar. |

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b'mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**